MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 823/2000/1

Avviz Nru:- 823/00DM

Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rappresentanza ta' Norwich Union u kif surrogata skond il-ligi u il-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrew Ellul
Vs

Marvic Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghal hlas tas-somma ta' Lm550 flus li hija hallset ghall-hsara lill-assikurat taghha Andrew Ellul meta waqt li kien wieqaf bil-karrozza tieghu DBF 482, il-konvenuta irriversjat fuqu b'imprudenza u b'mod traskurat f'Maria De Domenica Street, Santa Lucia fit-23 ta' Settembru 1999 waqt li kienet qed issuq il-vettura taghha u dan oltre Lm100 li hallas l-assikurat ghall-excess.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marvic Cutajar fejn eccepiet illi:

1 L-irritwalita' tal-Avviz billi s-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Ltd ma ndikatx sew lil min qed tirrappresenta
2 Bla pregudizzju, fil-mertu l-incident ma garax tort tal-eccipjenti u ghalhekk ghandha tigi liberata bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezenta mill-atturi fil-25 ta' April 2002 fejn irriducew it-talba taghhom ghas-somma ta' Lm419 (erba' mija u dsatax il-lira Maltin).

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta dwar l-irritwalita' tal-avviz, din il-Qorti qedgha tirrespingi l-istess l-eccezzjoni peress li huwa anzi indikat b'mod car s-socjeta' attrici qeghda tirrapprezenta lill Norwich Union, hi min hi, u kif surrogata skond il-ligi w il-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrew Ellul.

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li grat bejn zewg vetturi wara ma wara, b'dik il-vettura misjuqa mill-konvenuta hierga minn go parkegg u dik misjuqa mill-assikurat tal-atturi, Andrew Ellul, intiza li tidhol b'lura fl-istess parkegg li halliet il-vettura l-ohra.

Izda fil-waqt li l-assikurat tal-atturi jsosstni illi hu kien wieqaf qed jistenna l-vettura l-ohra biex tohrog mill-parkegg u din baqghet hierga u dahlet go fih, l-konvenuta ssostni illi l-kollizzjoni grat meta kienu z-zewg vetturi qeghdin jirriversjaw lejn xulxin.

Il-provi prodotti f'dan ir-rigward jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiiet rispettivi tas-sewwieqa, u fil-'claim form' illi mlew is-sewwieqa dak in-nhar tal-kollizzjoni, li giet esibita bhala dokument AE1 a fol 21 tal-process.

Din il-'claim form', iffirmata wkoll mill-konvenuta tirrispekkja ezatt il-verzjoni moghtija minn Andrew Ellul, billi l-konvenuta kienet hasset li kien opportun illi timmarka l-kaxxa numru 2 fil-klawsola 13 dwar ic-cirkostanzi li hija indikattiva li l-konvenuta kienet mixja fl-istess direzzjoni meta grat il-habta waqt li Andrew Ellul ma immarkahiex..

Din ic-cirkostanza ghandha rilevanza biss biex isservi ta' indikazzjoni li effettivament il-konvenuta kienet ghadha mixja meta grat il-habta, u Andrew Ellul kien wieqaf ghaliex ma ta ebda indikazzjoni illi huwa kien miexi. Izda anke din l-indikazzjoni li tghat il-konvenuta tirrizulta li hija zbaljata peress illi definitivament ma kienetx miexja fl-istess direzzjoni tal-vettura ta' Ellul, izda kienet anzi miexja kontra d-direzzjoni li kienet miexja jew li riedet timxi fiha l-vettura ta' Ellul.

Pero', il-formola 'front to rear', li tigi mimlija miz-zewg sewwieqa, hija wkoll indikattiva ta' l-manuvra li kienet qieghed taghmel ukoll il-vettura l-ohra, li giet ukoll indikata li kienet stazzjonarja ghaliex Andrew Ellul ma ndika ebda wahda mill-kaxxi ppreparati biex jindikaw jekk kienx qieghed jghamel moviment.

Inoltre mid-deposizzjoni tal-konvenuta jirrizulta illi l-manuvra li hi tallega illi ghamel is-sewwieq l-iehor kienet iktar ikkumplikata minn kif allegata minn Ellul. Infatti il-konvenuta sosstni illi Ellul kien gie mill-faccata taghha waqt illi hija kienet digia bdiet qieghda tirriversja, ghada minn maghha, waqqaf, biex imbaghad ukoll beda l-manuvra ta' indjetreggjar u habtu f'xulxin.

F’ebda mument il-konvenuta ma allegat illi ghamlet xi tentattiv biex tieqaf jew biex tibda timxi il-quddiem waqt li issostni illi hija kienet konxja illi l-vettura l-ohra kienet ukoll mixja lejha, u bhala spjegazzjoni ta’ dan in-nuqqas taghha, iddikjarat *illi ma mmaginajtx li dan biex jidhol f’loki ser jibqa’ jirriversja qabel nohrog jien.*

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet il-Qorti ssib illi dik moghtija minn Andrew Ellul hija l-iktar verosimili, anke minhabba l-fatt illi *a tempo debito* kien ta x’jifhem illi l-vettura tieghu kienet stazzjonarja u ghaldaqstant qedgha tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fil-mertu u konsegwentement tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-attur is-somma mitluba kif ridotta ta’ Lm419 (erba’ mija u dsatax- il lira Maltin);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------